MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 187/2001/1

**Joseph Pace**

**v.**

**Makaw Limited**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Frar, 2001 l-attur ippremetta illi s-socjeta` konvenuta otteniet sentenza a favur taghha fis-7 ta' Novembru 2000 fil-kawza fl-ismijiet "Makaw Limited kontra

Joseph Pace" citazzjoni numru 1576/00 JRM; illi din il-kawza giet deciza ad insaputa ta' l-attur billi l-anqas biss gie notifikat bic-citazzjoni; illi mhux assolutament minnu illi huwa qatt irrifjuta milli jaccetta n-notifika tac-citazzjoni fuq indikata u jinsisti illi l-ufficjal tal-Qorti qatt ma mar fuqu sabiex jinnotifikah b'dik ic-citazzjoni u ghalhekk ir-riferta minnu maghmula hija nulla; illi a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tezisti raguni valida sabiex tinghata ritrattazzjoni tal-kawza fuq indikata; ghalhekk talab li dik il-Qorti:-
(1) tiddikjara illi s-sentenza moghtija minn dik l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Novembru 2000 fic-citazzjoni 1576/00 JRM fl-ismijiet Makaw Limited kontra Joseph Pace hija nulla stante illi l-konvenut ma kienx gie notifikat u

(2) tordna illi l-kawza tigi trattata mill-gdid.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-8 ta' Marzu 2001 is-socjeta` konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur, billi l-attur, Joseph Pace, kien gie notifikat bl-atti tal-kawza fl-ismijiet ***Makaw Limited v. Joseph Pace*** (Citaz. Nru 1576/00 JRM) korrettement u skond il-ligi u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fl-20 ta' Frar, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi cahdet l-ewwel talba attrici ghat-thassir tas-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' Novembru, 2000, fil-kawza numru 1576/00 JRM fl-ismijiet "*Makaw Limited v. Joseph Pace*" fuq il-bazi li l-attur ritrattand ma kienx notifikat kif imiss fl-atti ta' dik il-kawza, billi l-attur ma ppruvax kif imiss dak minnu allegat; u konsegwentement cahdet ukoll it-tieni talba attrici ghas-smigh mill-gdid ta' l-imsemmija kawza u dana bl-ispejjez kontra l-attur, u dana wara li qalet hekk:
"Illi b'din l-azzjoni, l-attur qieghed jitlob li kawza li kienet infethet kontrih mill-kumpannija mharrka u li nqatghet fis-7

ta' Novembru, 2000, terga' tinstama minhabba li hu ma kienx gie notifikat bl-att ta' dik il-kawza l-ohra;

"Illi min-naha taghha, l-kumpannija mharrka tghid li t-talba m'ghandhiex tintlaqa' ghaliex l-attur kien irrifjuta n-notifika u ghalhekk jitqies fil-ligi li kien notifikat kif imiss;

"Illi l-procedura ta' ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: fl-ewwel post, dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment[1] sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi msemmija mil-ligi[2]; u, fit-tieni post, dik li terga' tinstema' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid. Qabel ma l-Qorti tkun sodisfatta li sabet raguni tajba biex thassar is-sentenza ewlenija, m'ghandhiex, bhala regola, tidhol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugha bis-sentenza li taghha jintalab it-thassir[3];

"Illi billi s-sentenza li dwarha infethet din il-procedura kienet moghtija minn din il-Qorti bhala Qorti ta' l-ewwel grad, l-azzjoni ta' l-attur tinbena fuq l-Artikolu 812 tal-Kap. 12, kif japplika mieghu l-Artikolu 811 (b). Skond il-ligi, din l-azzjoni trid issir fi zmien tliet (3) xhur minn dak inhar li l-attur isir jaf bis-sentenza li tkun inghatat kontrih fil-proceduri l-ohrajn fejn kien imharrek[4];

"Illi l-attur ritrattand jghid li, kontra dak li jinsab muri fir-riferta li saret mal-*folder* dwar in-notifka ta' l-att tac-citazzjoni tal-kawza l-ohra[5], hadd qatt ma gablu xi att gudizzjarju fil-post imsemmi f'dik ir-riferta dwar dik il-kawza. Izid ighid li inqas u inqas irrifjuta xi notifika bhal dik. Minbarra dan, hu jghid li l-post li fih saret in-notifika ma kienx id-dar fejn jghix. Zied jghid[6] li hu sar qasar jaf l-ewwel darba bis-sentenza moghtija kontrih tas-7 ta'

---

[1] App. Civ. **5.6.85** fil-kawza fl-ismijiet **Kontrollur tad-Dwana v. Michael Zammit et**
[2] App. Civ. **7.12.1936** fil-kawza fl-ismijiet **Wimayer v. Wismayer et** (Kollez. Vol. **XXIX,I.795**)
[3] Kumm. **16.12.1915** fil-kawza fl-ismijiet **Harrison noe v. Zammit noe** (Koll. Vol. **XXII.iii.235**)
[4] Art 818(1)(b) tal-Kap 12
[5] Pag. 12, *tergo* ta' l-atti tal-kawza 1576/00JRM
[6] Xhieda ta' l-attur 13.11.2001 f'pag. 19 tal-process

Novembru, 2000, b'kumbinazzjoni meta darba inzerta kien fil-bini tal-Qorti;

"Illi, l-attur fisser li d-dar fejn jghix tinsab fi Triq Guzi Fava f'Tas-Sliema, u li fil-post imsemmi ta' Misrah Sant'Anna, Sliema, kwazi ma jkun qatt. Dak huwa indirizz fejn kumpannija tieghu tmexxi stabbiliment ta' l-ikel;

"Illi, ghalhekk, il-kwestjoni li l-Qorti trid tqis hija jekk dak li qieghed jghid l-attur, u jigifieri li hu qatt ma ntalab jilqa' atti tal-kawza u lanqas qatt cahad li jaccetta atti li kien notifikat bihom, huwiex ippruvat bizzejjed biex imieri dak imsemmi fir-riferta;

"Illi, b'zieda ma' dak li inghad izjed 'l fuq dwar in-natura eccezzjonali tal-procedura ta' ritrattazzjoni, irid jinghad ukoll li l-prova tar-raguni li ghaliha parti titlob li kawza tigi mismugha mill-gdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija misthoqqa[7]. Il-parti ritrattata ma ghandha ghalfejn tipprova xejn, specjalment meta r-raguni li ssejjes it-talba ghas-smigh mill-gdid ma titnissilx minn ghamil tal-parti ritrattata, bhal f'dan il-kaz. Jidher li l-attur kien gharaf il-htiega li jressaq l-ahjar prova, u kien semma li ried itella' lill-ufficjal tal-Qorti li kien responsabbli ghar-riferta in kwistjoni. Ghal ragunijiet li jafhom l-attur, dan baqa' m'ghamlux u lanqas wera l-icken intenzjoni li ghamel xi tentattiv kredibbli biex iharrek lill-imsemmi ufficjal;

"Illi, fid-determinazzjoni tal-kwestjoni mqanqla mill-attur, il-Qorti qeghdha zzomm quddiem ghajnejha wkoll li l-kawzali mressqa minnu taghmel sejha ghall-applikazzjoni tal-principju ewlieni tal-haqq naturali dwar is-smigh xieraq. L-attur jghid li kien minhabba li ma saritx notifika lilu ta' l-atti tal-kawza li huwa naqas milli jidher fl-ewwel procedura u li wasslet biex bis-sentenza li nghatat kien kundannat ihallas lill-kumpannija attrici f'dik il-kawza l-ammont hemm imsemmi;

[7] Ara, per ezempju, Kumm **27.4.1992** fil-kawza fl-ismijiet **Aquilina v. Ciantar noe** (Kollez. Vol. **LXXVI.iv.666**)

“Illi l-Qorti tifhem li l-procedura mfissra fl-Artikolu 187 tal-Kodici tal-Procedura ghandha tigi segwita b’reqqa u n-nuqqas ta’ harsien taghha jgib konsegwenzi radikali ghas-siwi ta’ kul ma jkun sar bi ksur taghha;

“Illi, madankollu, fil-fatt ix-xilja ta’ l-attur hija izjed minn wahda dwar nuqqas ta’ twettiq procedurali: fil-fatt hija xilja li dak li juru l-atti tal-kawza li taghha qieghed issa jitlob is-smigh mill-gdid m’huwiex minnu. Dan ifisser li l-prova li jmissha tingieb biex ixxejjen dak li jidher bhala fatt f’att gudizzjarju ghandha tkun prova qawwija u mhux semplici kongettura jew suppozizzjoni li tixhet dubju. Il-gravita` ta’ l-implikazzjoni ta’ dak li qieghed jallega l-attur kienet, x’aktarx, tinhtieg it-tehid minnu ta’ procedura specifika mahsuba biex issir dikjarazzjoni li r-riferta hija falza. Dan jinghad ghaliex sakemm riferta ta’ ufficjal tal-Qorti ma tidhirx b’mod car li hija milquta b’xi zball, ghandha titqies li hija xhieda ta’ dak li tghid u li din il-prezunzjoni hija *juris et de jure*;

“Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-ftit fatti li johrogu mill-atti f’dan il-kaz. Minbarra c-cahda kategorika ta’ l-attur li huwa qatt kien notifikat, il-bqija tax-xhieda tieghu tikkonsisti f’argumenti dwar kemm kien improbabbli li dak imsemmi fir-riferta ma kienx minnu. Ghalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti ghadha kemm ghamlet dwar il-valur probatorju tar-riferta, hija ssib li l-attur ma sehhlux jipprova fil-grad mehtieg dak li allega biex igib fis-sehh it-thassir ta’ l-imsemmija riferta;

“Illi, kif sewwa issottometta l-abbli difensur tal-kumpannija mharrka, jekk riferta tghid li l-persuna li kellha tkun notifikata b’att gudizzjarju irrifjutat li tilqa’ l-imsemmi att, allura l-ligi tqis li dik il-persuna kienet notifkata kif ghandu jkun[8]. Minbarra dan, ir-rifjut konxju u personali, jgib l-effett ta’ notifika siewja, jekk mhux ukoll ghal rinunzja ghan-notifika min-naha tal-parti li lilha kellu jigi notifikat l-imsemmi att[9];”

## L-appell ta’ l-attur.

---

[8] Ara tieni proviso ta’ l-art. 187(1) tal-Kap 12

[9] Ara App. Civ. **30.5.1997** fil-kawza fl-ismijiet ***Hugh P. Zammit noe vs Anglu Bonavia***

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors intavolat quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Marzu, 2003 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza u tilqa' t-talbiet attrici u b'hekk tordna is-smigh mill-gdid tal-kawza imsemmija bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta appellata pprezentat risposta fejn qalet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li, ghalhekk, u anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

L-aggravju mressaq mill-attur appellant in sostenn ta' l-appell tieghu ma hu xejn hlief ripetizzjoni ta' dak li gie sottomess in prim istanza u cioe` li c-cahda ta' l-attur tan-notifika lilu u c-cahda dwar il-fatt li huwa rrifjuta xi notifika, kellhom ikunu bizzejjed biex it-talba tieghu tigi akkolta.

**Ikkunsidrat:**

Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wiehed eccezzjonali li ghandu jigi akkordat b'certa rizerva u cirkospezzjoni billi din hi procedura li tmur kontra l-principju tal-finalita` ta' gudikat. Isegwi li l-prova li trid issir mill-parti li tkun qeghda titlob tali rimedju trid tkun mhux biss cara izda ukoll inekwivoka b'tali mod li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant li jkun qieghed jippresjedi il-Qorti li tkun adita b'tali talba, li l-ingustizzja li qed tigi reklamata ma tistax titranga jekk mhux bir-rimedju estrem ta' ritrattazzjoni.

Fil-kaz odjern l-attur qed jinvoka is-subinciz (b) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili billi qed jinghad li s-sentenza moghtija fl-20 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet Makaw Limited v. Joseph Pace (Citaz. Nru 1576/00 JRM) ghandha tigi mwarrba u l-kawza ritrattata billi l-konvenut f'dawk il-proceduri – attur fil-proceduri odjerni – ma giex notifikat bl-att tac-citazzjoni.

In sostenn ta’ din l-allegazzjoni l-attur qed jghid li r-residenza regolari tieghu tinsab fil-fond Fawwara Builidings, Guzi Fava Street, Sliema u mhux fl-istabiliment kummercjali maghruf bhala Magic Kiosk, fix-Xatt Tas-Sliema fejn effettivament sehh l-allegat rifjut ta’ notifika.

Ghandu jinghad qabel xejn li ghal fini tan-notifika ta’ att tal-Qorti lill persuna fisika huwa assolutament immaterjali u ta’ ebda relevanza fejn tkun ir-residenza ufficjali ta’ dak li jkun. Infatti n-notifika ta’ att ufficjali tista’ issir f’idejn l-parti interessata f’kull lok fejn dan talvolta jkun jinstab, u r-residenza ufficjali ghandha biss relevanza inkwantu l-ufficjal inkarigat bin-notifika jista` jhalli l-att f'idejn membru tal-familja ta’ l-istess persuna li ghandha tircievi l-istess att, li mhux il-kaz sottoezami.

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li skond id-dokument ghall-hrug tan-notifika fil-kawza Citaz. 1576/00, (li kopja tieghu tinsab a fol 11 u 12 tal-process) it-talba ghan-notifika tal-konvenut f’dawk il-proceduri saret fl-istabiliment maghruf bhala Magic Kiosk, St Anne Square, Sliema u mir-riferta li tinsab fuq l-istess dokument a fol. 12 tal-process odjern jirrizulta li tali notifka giet rifjutata. Din r-riferta, kif sostniet ben tajjeb l-ewwel Qorti, ghandha l-pis probatorju li trid il-ligi salv prova kontrarja. Izda ma jidhirx li l-attur ressaq xi prova biex jaqleb din il-presunzjoni ta’ notifika a tenur tat-tieni proviso tas-sub Artikolu (1) ta’ l-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, kif ukoll gie rilevat mill-Qorti ta’ Prim Istanza, il-minimu li kien mistenni mill-attur kien li jitharrek l-Marixxall li kien inkarigat b’din in-notifika sabiex, wara li jsirlu l-ezami opportun u, jekk hemm bzonn, konfront ma’ l-istess attur, dan jiddikjara jekk verament ir-rifjut ta’ notifika sarx mill-attur odjern, jew jekk ghall-anqas kienx hemm xi possibilita` ta’ dubbju, liema dubbju fic-cirkostanzi, kien jagevola t-tezi ta’ l-attur.

Fl-assenza ta’ din il-prova din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti fis-sens li ma tressqitx prova kif imiss u ghalhekk it-talba ghar-ritrattazzjoni ma setghetx tigi akkolta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-attur qed jigi michud filwaqt li s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------